**125. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi:**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta ftiehem li jikri l-użu lil Malta Football Association l-Istadium Nazzjonali ta' Qali u faċilitajiet oħra deskritti aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra għaż-żmien bil-kera u taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozzi;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartiklu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment tal-Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-Istadium Nazzjonali Ta' Qali u l-faċilitajiet oħra deskritti aħjar fl-abbozzi ta' ftehim li jinsabu mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra jiġu mogħtija lill-Malta Football Association għaż-żmien, għall-iskop u skont il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmijin fl-istess abbozzi.

18.11.1983